**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 15 ta' Novembru, 2019**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Fabian Fleri)**

**vs**

**Clyde Bonavia**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Clyde Bonavia detentur tal-karta ta' identita bin-numru 410684M

Akkuzat talli fit-2 ta' Novembru 2005 ghall-habta tas-saghtejn ta' filghodu gewwa Triq Santa Domenika Zabbar ittanta li jisraq minn vettura bin-numru tar-registrazzjoni HAU682 tal-ghamla Toyota ghad-dannu ta' Paolo Galea, liema reat ma sehhx minhabba xi haga indipendenti u accidentali

mil-volonta tieghu liema attentat huwa aggravat bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa *(Art 41(1)(a), 261(b)(f)(g), 263(a), 270, 271(g), 278 (3) Kap 9)*

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe ghamel hsara fil-vettura bin-numru tar-registrazzjoni HAU682 tal-ghamla Toyota liema hsara hija ta' aktar minn mija u sittax Euro u sebgha u erbghin Euro centezmu (€116.47) u dan ghad-detriment ta' Paola Galea *(Art 325(c) Kap 9)*:

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi irrenda ruhu ricediv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 21 ta' Awwissu, 2014 (esebit a fol. 15 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci tal-kaz odjern jitrattaw attentat ta' serq ta' vettura. Fit-2 ta' Novembru 2005 Paolo Galea irraporta li ghal habta tas-saghtejn ta' filghodu xi hadd prova jisgassa l-vettura tieghu tat-tip Toyota Corolla bin-numru ta' registrazzjoni HAU-682 li kienet ipparkjata fi Triq Santa Domenika Haz-Zabbar. Paolo Galea xehed fl-udjenza tal-24 ta' April 2015 (a fol 54 sa 58 tal-atti processwali) fejn qal li minkejja li ra persuna tipprova tisgassa l-bieba tax-xufier tal-vettura tieghu ma setghax jidentifika min kien. Tali persuna ma rnexxiliex tiftah il-bieba ghaliex waqqfu x-xhud stess. Dan ix-xhud spjega li l-ispiza tal-hsarat sofferti fil-vettura tieghu meta sar l-isgass kienet ammontat ghal Lm50 izda ma gewx prezentati rcevuti. Minn fuq il-hgiega ta' quddiem tan-naha tal-lemin minn naha ta' barra tal-bieba tax-xufier ittella lifter mis-Surgent Maggur 1374[1] (Kopja tal-lifter giet esebita bhala Dok. ED1 a fol 37 sa 41 tal-atti processwali). Is- Surgent Maggur 1374 ghaddha l-lifters lil PS 1238 Clive Brimmer li dahhal il-lifters fis-sistema tal-IFIS. PS 1238 Clive Brimmer xehed fl-udjenza tas-26 ta' Marzu 2015 (a fol 42 u 43 tal-atti processwali) u pprezenta rapport (Dok. CB1 a fol 44 sa 50 tal-atti processwali) fejn ikkonkluda li l-IFIS irrizulta fil-pozittiv mas-saba' l-kbir tal-id il-leminija tal-imputat. L-ezami komparattiv gie sussegwentement ikkonfermat minn PS 70[2]. Tali konstatazzjonijiet gew ukoll ikkonfermati fl-udjenza tat-12 ta' Gunju 2015 (a fol 60 u 61 tal-atti processwali) mill-espert Joseph Mallia nominat fl-udjenza tas-26 ta' Marzu 2015 li prezenta wkoll ir-rapport tieghu Dok. JM1 (a fol 62 sa 80 tal-atti processwali) fejn gie kkonstatat li il-lifter jaqbel mal-fingerprint tal-imputat.

---

[1] Xhieda tas-Surgent Maggur 1374 Edgar Dalli fl-udjenza tas-26 ta' Marzu 2015 (a fol 35 u 36 tal-atti processwali)

[2] Xhieda ta' PS 70 Omar Caruana fl-udjenza tas-26 ta' Marzu 2015 (a fol 51 u 52 tal-atti processwali)

Illi fl-istqarrija rilaxxjata mill-imputat fil-4 ta' Awwissu 2014 (Dok. FF3 a fol 31 u 32 tal-atti processwali) stqarr li huwa kien jghaddi mit-triq fejn kienet ipparkjata l-vettura diversi drabi u ftakar li darba minnhom kien serrah ma' karozza ghax kien qed inigzu z-zarbun izda ma ftakarx jekk il-gurnata kienetx il-5 ta' Novembru 2005.

Illi fl-udjenza tal-11 ta' Ottubru 2019 l-imputat xehed (a fol 139 sa 144 tal-atti processwali) li huwa m'ghandux licenzja tas-sewqan u ma jafx isuq. Spjega li fiz-zmien meta sehh l-attentat ta' serq huwa kien jghaddi bil-mixi kuljum minn Triq Santa Domenika Haz-Zabbar biex imur ghand l-gharusa tieghu. Spjega li l-fingerprint kien spicca fuq il-karozza ghaliex seta' mess il-vettura izda mhux biex jisraqha izda ghaliex dakinhar tat-2 ta' Novembru 2005 kien inqalghalu l-pett taz-zarbun u beda jwegghu iz-zarbun u b'hekk strah mal-vettura.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat jinsab akkuzat b'attentat ta' serq aggravata, hsara volontarja u li huwa recediv. Il-Prosekuzzjoni tibbaza l-kaz taghha fuq il-fingerprint comparison. Minghajr dubju, il-kaz tal-Prosekuzzjoni huwa bbazat fuq circumstantial evidence li l-Prosekuzzjoni tishaq li din twassal sabiex tista' tinstab htija fil-konfront tal-imputat ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu. Da parte tieghu l-imputat jikkontendi li huwa minnu li kien mess il-vettura izda sabiex jistrih maghha ghaliex kien qieghed iwegghu iz-zarbun u mhux biex jisraqha.

Illi fil-kawza fl-ismijiet " Il-Pulizija vs. Jason Lee Borg et" deciza fil-15 ta' Gunju 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Provi jew indizzji cirkostanzali ghandhom ikunu univoci, cioé mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lil akkuzat mar-reat u li jwasslu, mehuda ilkoll flimkien, ghal konkluzzjoni li kien l-akkuzat u hadd aktar, anzi l-akkuzat biss, li kien il-hati u li l-provi li tressqu kienu inkompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu. Il-prova ta' fingerprints qeghda hemmhekk biex f'xi kazijiet issahhah provi ohra tal-Prosekuzzjoni u f'kazijiet fejn dik tkun l-unika prova"

Illi fid-decizjoni moghtija fis-27 ta' Mejju 1999 mill-Qorti tal-Magistrati fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Victor Gatt", il-Qorti sostniet li l-kaz tal-Prosekuzzjoni jistrieh fuq il-fatt li nstabu l-impronti digitali tal-imputat fuq flixkun tal-whisky misjub fil-fond fejn sehhet dik is-serqa. Illi fih innifsu ghalkemm dan hu ndizzju, huwa biss prova li l-imputat mess dak il-flixkun tal-whisky u xejn aktar.

Illi fis-sentenza moghtija fit-30 ta' Gunju 1998 fil-kawza fl-ismijiet Il-"Pulizija vs. Emanuel Camilleri" gie deciz li:

> "f'dak il-kaz il-prova tal-fingerprints kien jinhtiegilha korroborazzjoni minn provi cirkostanzjali ohra. Peró hemm kazijiet fejn il-prova tal-fingerprints wahedha tkun bizzejjed biex il-Qorti tkun moralment konvinta mill-htija tal-akkuza"

Fil-fatt fl-Ingilterra fil-kaz “R v. Castletan” (3 Cr App R - 74, CCA (vide Archbold 1997 para 14-97) gie deciz li:

> “Identification of fingerprints by a person expert in such prints may be sufficient even where it is the only evidence of identification”.

Illi fil-kawza fl-ismijiet “Il-Pulizija vs. Vincent Calleja” deciza mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fis-7 ta’ Marzu 2002 inghad is-segwenti:

> “Il-ligi taghna ma tistabbilix il-kriterji ta’ numru ta’ “matching points” jew “points of comparison” li ghandhom jinstabu fuq il-post tad-delitt jew xi repert iehor ma’ dawk tal-persuna suspettata. Fil-prattika pero’ il-Pulizija ghallbiex tmexxi l-investigazzjoni ulterjorment il-quddiem, tistrieh fuq 9 points. Izda qabel ma tmur il-Qorti tkun trid li jkollha mill-inqas 14 il-“point of comparison””.

Imbaghad, fil-kawza “Il-Pulizija vs. Noel Frendo” deciza fit-30 ta’ Dicembru 2004, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> “L-impronti digitali (u dawk palmari) huma forma ta’ prova indizzjarja – “circumstantial evidence”” – li kif qal Lord Salmon fil-kaz DPP v. Kilbourne [1973] AC 729, p. 758 “…works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities”. Il-kwistjoni kollha hi mhux jekk l-impronta nstabitx f’post pubbliku jew f’post privat jew anqas pubbliku - il-kwistjoni kollha hi jekk, fid-dawl tac-cirkostanzi kollha, il-post fejn instabet l-impronta tikkonvincix lill-Gudikant lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li dik l-impronta saret mill-persuna li lilha tappartjeni fil-kors tal-kommissjoni minn dik l-istess persuna tar-reat li bih tkun akkuzata jew fil-kors ta’ xi atti li jammontaw ghall-anqas ghal tentattiv ta’ dak ir-reat”.

Fil-kawza kwotata hawn fuq, il-Qorti qalet hekk ukoll:

> “Wahedhom dawn l-impronti kienu tali li setghu, legalment u ragjonevolment, inisslu fil-Gudikant il-konvinciment morali li kienet il-persuna li lilha kienu jappartjenu l-istess impronti li kienet hekk spustathom, u dan evidentement bil-hsieb li jingarru flimkien ma’ l-oggetti l-ohra li kienu effettivament ingarru. Fin-nuqqas ta’ xi spjegazzjoni, imqar fuq bazi ta’ probabbilita`, ta’ kif dawk l-impronti tal-appellant Frendo spiccaw fuq l-oggetti misjuba fil-kaxxa, l-ewwel Qorti ftit li xejn kellha triq ohra ghajr li ssib lill-appellant hati skond l-ewwel imputazzjoni”

Riferenza ghandha ssir ghall-kawza fl-ismijiet “Il-Pulizija vs. Alfred Bugeja” deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-22 ta’ Novembru 2012 fejn il-Qorti qalet hekk:

> “F’dan il-kaz l-impronta li qablet mas-saba’ z-zghir ta’ l-id ix-xellugija ta’ l-appellat instabet fuq il-kument tat-tieqa tan-naha tal-lemin ta’ l-ufficcju tal-Mid-Med. Din it-tieqa tinsab fuq in-naha ta’ wara tal-Bank fejn, minn ezami tarritratti mehudin u esebiti minn PC 516 Alfio Borg (a fol. 37), jirrizulta li hemm passagg dejjaq – mhux, mela, post fejn hu mistenni li jikkongregaw in-nies. L-impronta nstabet proprju fuq il-kument tat-tieqa tal-lemin, dik ittieqa (sliding) li tkissritilha l-hgiega biex setghet tinfetah u tigi mbuttata lejn ix-xellug sabiex b’hekk il-halliel jew hallelin setghu jaqtghu l-hadid li kien hemm fuq in-naha ta’ gewwa.
>
> [...]
>
> Dak li hu palezi hu li l-appellat ma ta l-ebda spjegazzjoni ragjonevoli ta’ kif impronta ta’ idu l-leminija thalliet proprju fuq it-tieqa sgassata ta’ l-ufficcju tal-Mid-Med Bank fl-Universita` Tal-Qroqq”

Ikkunsidrat:-

Illi fir-rigward tad-decizjoni appena citata, cioé dik tat-22 ta' Novembru 2012, jekk din ghandhiex tigi applikata jew le ghall-kaz odjerna, il-Qorti ghandha s-segwenti konsiderazzjonijiet x'taghmel. Fil-kawza odjerna l-Qorti ghandha tistaqsi jekk il-prova tal-impronta li giet elevata minn fuq il-vettura hijiex sufficjenti sabiex wiehed jikkonkludi illi l-imputat ikkommetta r-reati addebitati lilu.

Illi huwa principju rassodat illi l-provi fil-kamp kriminali jistghu ikunu kemm diretti kif ukoll indizjali, izda dawn ta' l-ahhar iridu ikunu univoci, iwasslu ghal konkluzjoni wahda u iridu ikunu sufficjenti tali biex inisslu konvinciment morali f'mohh il-Gudikant lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli mir-reita' ta' l-imputat. Filfatt, il-provi cirkostanzjali jistghu jitqiesu bhala prova ammissibbli jekk huma univoci u jwasslu ghall-konkluzjoni wahda[3].

Illi huwa minnu li l-vettura hija haga mobbli u kienet ipparkjata fit-triq izda l-Qorti tirrileva li l-lifter gie elevat mill-hgieg tal-bieba tax-xufier minn naha ta' barra – l-istess bieba li kienet qed tigi sgassata. Il-Qorti tqis li il-verzjoni moghtija mill-imputat sabiex jiggustifika l-fingerprint fuq il-vettura mhijiex kredibbli. Ghalhekk l-imputat sejjer jinstab hati tal-ewwel imputazzjoni inkluż l-aggravanti.

[3] Ara Il-Pulizija vs. Carmelo Calleja, deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-7 ta' Mejju 2010.

Kwantu ghal valur tal-hsara fil-karozza, sid il-vettura Paolo Galea xehed li l-hsara kienet ikkwantifikata ghal Lm50 ekwivalenti ghal €116.47. Izda f'dawn il-proceduri qatt ma gew esebiti rcevuti jew inkella imqar ritratti sabiex wiehed iqis in-natura tal-hsarat. Ghalhekk filwaqt li tirrizulta t-tieni mputazzjoni li l-imputat ghamel hsara volontarja ghad-dannu ta' Paolo Galea ir-reat irid jitqieghed fil-parametri tal-paragrafu (d) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 325 tal-Kodici Kriminali u mhux fil-paragrafu (c).

Fir-rigward tat-tielet imputazzjoni ma ngabu l-ebda provi dwar l-addebitu tar-ricediva u ghalhekk l-imputat ma jistghax jinstab hati ta' din l-imputazzjoni.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li mill-fedina penali tieghu nserita a fol. 3 et sequitur tal-atti processwali jirrizulta li l-imputat kiser diffrejh mal-gustizzja f'aktar minn okkazzjoni wahda u qatt ma gharaf juzufruwixxi mill-opportunitajiet moghtija lilu minn dawn il-Qrati sabiex jirriforma ruhu. Fic-cirksotanzi l-Qorti jidrilha li ghandha timponi piena karcerarja effettiva.

Ghal dawn il-motivi wara li rat l-Artikoli 17, 20, 31, 41(1)(a), 261(b)(f)(g), 263(a), 270, 271(g), 278 (3) u 325 (1)(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah tlettax (13) -il xahar prigunerija. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tat- tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u konsegwentement tilliberah minnha.

B’ applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub bil-miktub mir-Registratur tal-Qorti ihallas lill-istess Registratur tal-Qorti s-somma ta’ hames mija tmienja u tletin Ewro u erba’ Ewro centezmi (€538.04c[4]) liema ammont jirraprezenta l-ispejjez konnessi mal-hatra ta’ esperti f’ dan il-kaz.

**Magistrat**

Graziella Abela

Deputat Registratur

[4] Rapport ta’ Joseph Mallia inserit minn fol 62 sa 80 (€538.04)